

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2011****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2009**

(2011/597/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2009, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-15 ta' Frar 2011 (05892/2011 — C7-0052/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008, li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom ⁽³⁾, u b'mod partikolari tal-Artikolu 8 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0144/2011),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2009;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 338, 14.12.2010, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.